Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 17 ta' Ottubru 2018**
**(OR. en)**

**13276/18**

**SOC 629**
**EMPL 483**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 5384/18 |
| Suġġett: | Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol<br>Ħatra tas-Sur Francisco Javier PINILLA GARCIA, membru għal Spanja, minflok is-Sur Javier MAESTRO ACOSTA, li rriżenja |

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Javier MAESTRO ACOSTA, bħala membru tal-Bord Governattiv tal-Aġenzija msemmija hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għal Spanja).

2. Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2062/94, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1112/2005, il-membri tal-Bord Governattiv jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-gvern ta' Spanja nnomina lill-kandidat li ġej għal dan is-siġġu għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fis-7 ta' Novembru 2019:

Is-Sur Francisco Javier PINILLA GARCIA
Direttur
Instituto Nacional de Seguridad y Salud en el Trabajo
C/Torrelaguna, 73
ES-28027 Madrid
Tel: + 353 (0) 1-6147144
Telefon ċellulari: + 349 13634 120
Indirizz elettroniku: direccion@inssbt.meyss.es

4. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jagħti parir lill-Kunsill biex:

(a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża li tissostitwixxi membru tal-Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, u

b) jippubblika d-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**ANNESS**

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru tal-

Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjonijiet tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2016[2], tat-28 ta' Novembru 2016[3] u tat-23 ta' Jannar 2017[4], il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu li jintemm fis-7 ta' Novembru 2019.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Javier MAESTRO ACOSTA, sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet.

(3) Il-gvern ta' Spanja nnomina kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

1 ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1643/95 tad-29 ta' Ġunju 1995 (ĠU L 156, 7.7.1995, p. 1), ir-Regolament (KE) Nru 1654/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 38) u r-Regolament (KE) Nru 1112/2005 tal-24 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 184, 15.7.2005, p. 5).

2 ĠU C 386, 20.10.2016, p. 3.

3 ĠU C 447, 1.12.2016, p. 7.

4 ĠU C 27, 27.1.2017, p. 4.

Artikolu 1

Is-Sur Francisco Javier PINILLA GARCIA huwa b'dan maħtur membru tal-Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sur Mr Javier MAESTRO ACOSTA, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fis-7 ta' Novembru 2019.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill
Il-President